# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 187/2015**

Il-Pulizija

(Ass. Kummissarju Norbert Ciappara)

vs

**Denis Desira**

iben Alfred, imwieled Attard, fl-1 ta' Marzu, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 111270(M)

Illum, 21 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Denis Desira quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru, 2006 u matul dawn l-ahhar granet qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva u multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.  Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagement wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u tal-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' Lm198.24 ekwivalenti ghas-somma ta' erba' mija, wiehed u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€461.77), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana ammontanti ghas-somma ta' Lm16.50 ekwivalenti ghas-somma ta' tmienja u tletin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€38.43) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tlieta u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€234.46), b'kollox

ammontanti l-istess ispejjez ghas-somma ta' seba' mija, erbgha u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€734.66). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-imputat fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-*mobile* ezebit bhala Dokument NC3 u ir-rilaxx tal-flus ezebiti bhala Dokumenti NC1 u NC4 rispettivament u tac-*cheque book* ezebit bhala Dokument NC2 favur il-hati.

Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal, li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Denis Desira pprezentat fis-27 ta' April, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-aggravanti li droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u fejn giet erogata l-piena msemmija u minflok timponi piena li ma tkunx wahda karcerarja jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi li l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta ddecidiet li l-kokajina ma kienitx ghall-uzu esklussiv.

Illi l-esponent spjega darba, darbtejn, tlett darbiet li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni huwa kien ghaddej minn problemi pjuttost serji ta' natura familjari u spicca biex qabad il-vizzju tad-droga kokajina. Fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Magistrati osservat li l-ammont ta' kokajina misjub f'dan il-kaz ma kienitx tikkombacja mal-versjoni moghtija mill-esponent dwar modalita` u frekwenza ta' konsum. Jinghad bl-akbar rispett li din il-konkluzjoni hija wahda gratuwita li ma ssib ebda konfort ta' natura fattwali jew legali. L-esponent spjega li kien qieghed f'battalja

nterna mieghu nnifsu sabiex jieqaf minn dan il-vizzju u kull darba li jiehu ftit droga kien jiddeciedi li din kienet l-ahhar darba.  Huwa risaput li d-dipendenza fuq id-droga kokajina, a differenza ta' drogi ohra, hija wahda iktar psikologika milli medika.  Infatti, l-esponent qal li kien grazzi ghall-kundizzjoni tal-*house arrest* li huwa waqqaf dan il-vizzju.  Ghalhekk kwalsiasi osservazzjoni dwar l-ammont ta' droga misjuba abbinata mal-modalita` spjegata mill-esponent hija biss kongettura u mhux prova.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza wkoll ghal xi sms's li nstabu fil-*mobile* ta' l-esponent.  Jinghad bl-akbar rispett li dan huwa ingust.  L-esponent xehed minn jeddu fl-4 ta' Gunju, 2010 u espona ruhu ghall-kontro-ezami tal-prosekuzzjoni u ghad-domandi tal-Qorti.  Ma saritlu ebda domanda dwar dawn l-sms's li setghu gew facilment minnu spjegati.  L-esponent rega' ha l-pedana tax-xhieda fit-28 ta' Ottubru, 2013 u, ghal darb'ohra, ma saret ebda domanda fir-rigward.  Huwa ghalhekk bl-akbar rispett skorrett li ssir referenza ghal dawk l-sms's bhala prova konklussiva tac-cirkostanza aggravanti tar-reat.  Effettivament ghandu jigi rilevat li f'dawk il-messaggi ma hemm ebda referenza ghad-droga kokajina jew, del resto, ghal xi droga ohra.  Lanqas ma hemm referenza ghall-perijodu li ghalihom l-sms's qed jirreferu ghajr ghad-data taghhom – fattur injorat mill-Qorti nonostante li l-imputazzjoni giet limitata ghal ftit granet.

Illi l-esponent dejjem kien konsistenti fir-rigward tal-vizzju tieghu u dwar il-mod kif huwa kien ipprokura d-droga.  Meta gie mitlub biex jispjega l-presenza ta' flus dana spjegah u anke indika x-xhieda sabiex jikkorrobora l-versjoni tieghu.  Infatti x-xhud ikkonferma li dak li kien qal l-esponent a tempo vergine lill-Pulizija kienet il-verita`.  Ma hemm ebda raguni ghaliex l-esponent m'ghandux jitwemmen ghajr kongetturi li, kif inhu risaput, huma nammissibbli.  Ghalhekk huwa ma kellux jinstab hati ta' l-aggravanti li droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi <u>l-tieni u l-ahhar aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena erogata hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u principalment tenut kont li llum l-esponent huwa persuna pjenament riformata.

Illi fl-ewwel lok, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li jinghad fl-ewwel aggravju, l-esponent jitlob li din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) sabiex tiskatta l-procedura msemmija f'dak l-artikolu in kwantu l-elementi rikjesti ghall-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni, partikolarment dawk imsemmija fis-subartikolu (2), jezistu fil-kaz in dizamina.

Illi fl-eventwalita` li din il-Qorti ma tilqax din it-talba, qed jigi rilevat li l-esponent huwa, kif intqal, persuna pjenament riformata li jiehu hsieb familja b'zewg titfal. Il-fedina penali ta' l-esponent ma hijiex wahda allarmanti u turi li qatt ma nstab hati ta' reati ta' certa portata. Il-vizzju ta' l-esponent kien frott ta' perijodu difficli li huwa ghadda minnu u li issa ilu hafna snin li hareg minnu. Tmintax-il xahar prigunerija hija piena gravuza hafna ghal min fittex u rnexxielu jirriforma hajtu diversi snin ilu u ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li l-piena ghandha tinghata fil-*minimum* possibbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura

dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li hu kellhu problema ta' droga serju. Dan il-fatt jemergi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti sabet li l-ammont ta' kokaina misjub ma kiniex jaqbel mal-versjoni moghtija mill-appellant dwar il-konsum ta' l-istess ta' l-istess. Fil-fatt, l-ewwel Qorti harget b'formula kwazi matematika ta' kemm l-appellant kellhu jixtri droga u ghar-raguni ta' konsum tieghu waslet hall-komkluzjoni li l-imputat ma kellhux jinsab fil-pussess ta' dik id-droga f'dik il-kwantita'. Fil-fehma ta' din il-Qorti kull persuna li tuza din id-droga jkollha mhux il-gosti ta' kif juzaha izda kif juzaha. Dan il-fatt ma jistax ikollu formula kwazi matematika ghas-semplici raguni li dak li jghaddi mill-mohh ta' bniedem f'dak il-hin partikolari sollecitat minn sitwazzjoni esterni ma jistghux iwasslu li jsir dak it-tip ta' ragunament. Kwindi ghal din il-Qorti dan l-aggravju tal-appellant ghandu jirnexxi.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet ragunament fuq il-messaggi li nstabu fil-mobile tal-appellant. Jirrizulta li dan il-fatt ghall-prosekuzzjoni ma kellhu ebda rilevanza. Tant hu hekk, li l-ufficjal prosekutur ma ghamel ebda domanda dwar dawn l-SMSs lill-appellant li xehed quddiem l-ewwel Qorti. Frankament, kieku l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li tali messaggi kienu importanti kellha kull opportunita' biex isaqsih dwarhom. Dan ma sarx u b'hekk l-appellant gie f'pozizzjoni

ndifensibbli ghas-semplici fatt li hadd ma staqsih dwarhom. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Illi minn analizi tal-provi li saret b'dettal kbir mill-ewwel Qorti jirrizulta li hemm is-sitwazzjoni klassika jekk l-appellant ghandhux jittwemmen jew le. Din il-Qorti mhux solitu li tiddisturba l-analizi maghmula mill-ewwel Qorti izda in vista ta' dak li ntqal hawn fuq l-ewwel Qorti kellha ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li dak li xehed l-appellant ghandu mis-sewwa. Dan ifisser li l-appellant kien qed juza dik id-droga biex ghall-uzu personali tieghu. Min imkien ma tirrizulta xi prova li l-appellant prova jittrafikka d-droga jew xi prova ohra li dik id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Denis Desira dwar il-meritu. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Issib lill-appellant hati li dik id-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Rat it-Taqsimiet IV, VI u l-artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-appellant li jhallas is-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin euro u sitta u sittin centesimu (€734.66) spejjez inkorsi fil-hatra ta' esperti. Tikkonferma r-rilaxx tal-flus ezebiti bhala Dokumenti NC1 u NC4 rispettivament u tac-'cheque book' ezebit bhala Dokument NC2. Tordna r-rilaxx tal-mobile ezebit bhala Dokument NC3. Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht il-harsien tar-registratur ta' din il-Qorti taht il-kondizzjonijiet soliti f'dawn il-kazijiet.